

Brussell, 6 ta' Frar 2026
(OR. en)

5991/26

UEM 70	RECH 44
ECOFIN 150	ENER 47
SOC 50	JAI 151
EMPL 20	GENDER 10
COMPET 147	ANTIDISCRIM 9
ENV 90	JEUN 18
EDUC 28	SAN 61
<i>ECB</i>	<i>EIB</i>

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Nota ta' spjegazzjoni - Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2026

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż in-Nota ta' spjegazzjoni li takkumpanja r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2026.

Nota ta' spjegazzjoni

- Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill
dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2026

L-Artikolu 29 tar-Regolament 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 jgħid li "*Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament*".

Fir-rigward ta' din ir-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-ispjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro fil-kuntest tas-semestru Ewropew, li dwarha l-Kummissjoni mhux qed taqbel.

Il-Kunsill (Ecofin) qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

Rakkomandazzjoni 10

Test tal-Kummissjoni:

mhux applikabbli

Test maqbul:

[...] Titlesta l-Unjoni Bankarja billi titkompla l-ħidma fuq l-elementi pendenti kollha tagħha, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro ta' Ġunju 2022. [...]

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li titlesta l-Unjoni Bankarja biex tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-istabbiltà ekonomika u r-reżiljenza, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-Ewropa. Il-Kunsill tal-fehma li għandha titkompla aktar ħidma f'konformità mal-approċċ stabbilit fid-Dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro f'format inklużiv tas-16 ta' Ġunju 2022.

Rakkomandazzjoni 11

Test tal-Kummissjoni:

Jieħdu passi biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2025 dwar iż-żieda fid-disponibbiltà tal-kontijiet tat-tfaddil u tal-investiment bi trattament tat-taxxa simplifikat u vantaġġu¹ (Settembru 2025) u dwar id-dashboards tal-pensjonijiet, is-sistemi ta' trekkjar tal-pensjonijiet u l-awtoregistrazzjoni² (Novembru 2025), kif ukoll dawk li jinsabu fil-Komunikazzjoni tal-2025 dwar Strateġija ta' Litteriżmu Finanzjarju għall-UE³ (Settembru 2025).

Test maqbul:

[...] Jeżaminaw opzjonijiet biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2025 dwar iż-żieda fid-disponibbiltà tal-kontijiet tat-tfaddil u ta' investiment bi trattament tat-taxxa simplifikat u vantaġġu⁴ (Settembru 2025) u dwar id-dashboards tal-pensjonijiet, is-sistemi ta' trekkjar tal-pensjonijiet u l-awtoregistrazzjoni⁵ (Novembru 2025), kif ukoll dawk li jinsabu fil-Komunikazzjoni tal-2025 dwar Strateġija ta' Litteriżmu Finanzjarju għall-UE⁶ (Settembru 2025).

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill jirrikonoxxi li r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni huma importanti biex jiggwidaw it-tfassil tal-politika mill-Istati Membri u jixprunaw ir-riformi strutturali fil-livell nazzjonali, u b'hekk jappoġġaw politiki fil-livell tal-UE bħall-iżvilupp tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Dawn ir-Rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw oqsma ta' politika li huma ta' kompetenza nazzjonali u mhumiex vinkolanti għall-Istati Membri.

¹ C(2025) 6800 final.

² C(2025) 9300 final.

³ COM(2025) 681 final.

⁴ C(2025) 6800 final.

⁵ C(2025) 9300 final.

⁶ COM(2025) 681 final.